MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 133/2014

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Christian Casha (K.I. 370789M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mitt ewro u erbgha u sittin centezmu (€400.64), bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma’ ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 22 ta’ Novembru, 2012 (AC50984367).

Illi nterpellat sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghax.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett- AC50984367

Dok B – Kuntratt datat 22 ta' Novembru, 2012

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-29 ta' April, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mitt ewro u erbgha u sittin centezmu (€400.64) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------